**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 12 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**

**Vs**

**Mahmoud Razouk**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Mahmoud Razouk** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 373512L**,** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'xi zminijiet bejn Gunju tas-sena 2016 u Lulju tas-sena, 2016, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda,

1. Bil-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra u cioe Caroline Cassar 112872M tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lill dik il-persuna jew persuna ohra. (Art 250 (1) Kap 9);

2. Aktar talli fl-istess cirkostanzi ta fastidju lil Caroline Cassar 112872M meta kien jaf jew messu kien jaf li l-ghagir tieghu kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.( Art 251 A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.);

3. U aktar talli insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-Caroline Cassar 112872M . Art. 339 (1) (e) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Caroline Cassar kif ukoll ghal familjari taghhha.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni

tal-piena. Qieset pero in-natura gravi tar-reati migjuba kontra l-imputat. Ma hux tollerabbli f'socejta civili li zball genwin ta' persuna privata jintuza bhala arma ta' *blackmail* kontra taghha stess. L-imputat f' dan il-kaz hekk ghamel u sahansitra huwa abbuza mill-vulnerabbilita ta' persuna li kienet zbaljat. Fortunatament l-imputat ma rnexxilux jakkwista dak li ried minn din il-persuna vulnerabbli. Jirrizulta lil din il-Qorti pero li l-imputat verament gharaf l-izball tieghu u ddispjacih ta' dak li ghamel. Bl-ammissjoni tieghu, l-imputat refa ir-responsabbilita skond il-ligi quddiem is-socjeta Maltija.

Qieset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. L-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. Dan hu wiehed minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 250(1), 251A, 339(1)(e), 383, 533, u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Mahmoud Razouk** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal disa (9) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tat lill-hati Mahmoud Razouk l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Caroline Cassar, il-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifisu taht penali ta` elfejn Euro (€2000) ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Dr Ian Farrugia LL.D

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur